# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 45





**Nhar l-Erbgħa,
7 t' Ottubru, 2020,
Festa tal-Madonna tar-Rużarju,
fl-Udjenza tiegħu,
l-Papa Franġisku
rrakkomanda ħafna it-Talba
Marjana tar-Rużarju Mqaddes.**

**Huwa ħeġġeġ lill-insara jitolbu din it-Talba ta' Marija 'qalb dan it-theddid li qed jhedded lid-dinja' fosthom il-pandemija. Dan l-appell kien ġa għamlu fl-Ewwel Udjenza fil-bidu tax-Xahar t'Ottubru li huwa ddedikat lir-Rużarju Mqaddes.**

**Lill-pellegrini Pollakki l-Papa qalilhom li 'fid-dehriet tagħha, il-Madonna spiss ħeġġitna nitolbu r-Rużarju quddiem it-theddidiet li jkollha d-dinja. Illum ukoll, fiż-żmien tal-pandemija, hu meħtieġ li nieħdu f'idejna r-Rużarju u nitolbu għalina, għall-maħbubin tagħna u għall-popli kollha.**

**Lill-pellegrini Spanjoli, qalilhom biex bl-interċessjoni tal-Madonna tar-Rużarju, l-Mulej 'f'dan iż-żmien tal-pandemija jagħmel minn ħajjitna waħda ta' qadi lil ħutna kollha l-aktar dawk abbandunati u neqsin mill-ħarsien'.**

**Lill-pellegrini tal-Ilsien Għarbi, l-Papa stedinhom jitolbu r-Rużarju u jżommu l-Kuruna tar-Rużarju f'idejhom jew fil-but. Ir-Rużarju huwa l-aktar talba sabiħa li nistgħu noffru lill-Verġni Marija. 'Huwa l-kontemplazzjoni tal-istadji tal-Ħajja ta' Ġesù l-Feddej ma' Ommu Marija u huwa arma li tħarisna mill-ħażen u t-tentazzjoni.'**

**Waqt li nimmeditaw il-misteri tas-Salvazzjoni fir-Rużarju dan isir 'talba kontemplattiva' fejn 'il-Wiċċ kollu mħabba ta' Alla nnifsu, li aħna mistednin nikkontemplaw fl-eternità, jiġi rrivelat lilna bla waqfien'.**